**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 293/2017 CFF**

**DHL International Ltd**
**Vs**
**Valorfly Limited**

**Illum 6 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata li thallas is-somma ta' erbatx-il elf, tlett mija u erbgha u tmenin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€14,384.51) rapprezentanti ammont li ghadu ma thallasx fuq servizzi li hi nghatat mis-socjeta' rikorrenti. Minkejja li giet ripetutament interpellata sabiex thallas dan l-ammont, hija baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet notifikata fil-11 t'Ottubru, 2017 pero' la dehret u lanqas ipprezentat risposta fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2018.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-23 ta' Jannar, 2018, is-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet regghet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erbatx-il elf, tlett mija u erbgha u tmenin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€14,384.51), bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**